TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 127/13/GB

**Mary Bartolo**

**vs**

**Ventura General Gas Ltd.**

Illum 25 ta' Settembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-20 ta' Gunju, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' mija sebgha u sittin Ewro (€167.00), rapprezentanti l-prezz li hija hallset ghal magna tal-hasil li nxtrat minghand is-socjeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet difettuza.

Is-socjeta' ntimata ma pprezentatx risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija kienet xtrat magna tal-hasil 'twin tub' minghand is-scojeta' ntimata, liema magna tal-hasil kienet harget difettuza. Meta hija timlieha bl-ilma, din il-magna tal-hasil tixxokkja. Haditha darbtejn ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija, pero' dejjem baqghet bl-istess problema.

Ir-rikorrenti qieghda titlob li tinghata l-flus lura ghaliex din il-magna tal-hasil qatt ma giet imsewwija. Baqghet tixxokkja u kienu rawha diversi technicians li ammettew li ma kenitx giet imsewwija kif suppost.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Is-socjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjha tliet darbiet, m'attendietx ghas-seduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta is-socjeta' ntimata kienet ghadha ma baghtietx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Ir-rikorrenti ezebiet kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.MB1; flimkien ma' kopja tal-garanzija. li giet immarkata bhala Dok.MB2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte tas-socjeta' ntimata lejn ir-rikorrenti, billi ma pprezentat l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenjat ruhha tidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna li s-socjeta' ntimata tiehu lura l-magna tal-hasil in kwistjoni u thallas l-ammont ta' mija sebgha u sittin Ewro (€167.00) lir-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**